MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 42/2012

**Allied Newspapers Ltd (C 308)**

**vs**

**Ancora Limited (C 42400)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors mahluf ta’ Allied Newspapers Limited (C 308) fejn gie premess:-

Illi s-socjeta’ intimata hija debitrici fil-konfront tas-socjeta’ rikorrenti fl-ammont ta’ tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u tnejn u tletin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€23832.24) bhala bilanc dovut fuq somma akbar rapprezentanti prezz ta’ servizzi rezi mis-socjeta’ rikorrenti lis-socjeta’ intimata fuq inkarigu taghha bejn l-10 ta’ Marzu 2011 u 17 ta’ Novembru 2011 u dana kif jirrizulta mill-aness *statement of account* li qed jigi markat “Dok A” u

mill-annessi fatturi relattivi ghat-transazzjonijiet li saru f'dan l-istess perjodu li qed jigu markati kollettivament bhala "Dok B";

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fir-rigward ta' liem is-socjeta' intimata m'ghandiex eccezzjonijiet validi fil-ligi x'taghti;

Illi di fatti kif jirrizulta mill-anessi dokumenti li qed jigu markati "Dok C" u "Dok D", konsistenti f'risposti li rceviet is-socjeta' rikorrenti ghall-ittri interpellatorji taghha, is-seocjeta intimata ma kkontestat bl-ebda mod li effettivament ghandha taghti l-ammont mitlub lis-socjeta rikorrenti;

Illi safrattant, minkejja d-diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas tal-bilanc, is-socjeta intimata baqghet indadempjenti;

Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.

Tghid ghalhekk l-istess socjeta intimata ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

Tipprocedi bis-smiegh ta' din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond procedura preskritta fl-Artikolu 167 et sequitur tal-kapitolu 12;

Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u tnejn u tletin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€23832.24) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta rikorrenti fuq inkarigu tas-socjeta intimata.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Novembru 2011 ("Dok E") u dawk tal-ittra ufficjali numru 246/11 ("Dok F"), u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, lkoll kontra s-socjeta intimata li giet ukoll ingunta in subizzjoni.

Il-Qorti rat il-verbal tas-seduta ta' llum u semghet lix-xhud Kurt Magro.

Peress li t-talbiet attrici jirrizultaw b'mod sufficjenti, il-Qorti tilqa' t-talbiet kif dedotti bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------